IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**KARTA MUDELL 2018**

SUĠĠETT: **L-Etika**
KARTA NUMRU: IIB
DATA:
ĦIN:

Din il-karta ġġorr magħha 40% tal-marka globali tal-eżami.

**TAQSIMA A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**
**Kull mistoqsija ġġorr magħha 20 marka.**

Mistoqsija 1 Studju tal-każ: Samuel dwar il-Kuntentizza



Meta kellu ħames snin Samuel tilef il-vista minn għajn waħda minħabba l-kanċer. Wara ċertu żmien reġa' marad u tilef id-dawl ta' għajnejh it-tnejn.

"Għall-ewwel bdejt nippanikja. Ma kontx naf x'se naqbad nagħmel. Imbagħad meta bdejt nidra din is-sitwazzjoni ndunajt, li la jien u lanqas ommi ma konna ser insolvu l-problema billi nibku. Ma kienx hemm alternattiva oħra ħlief naċċetta dan il-fatt u nkompli ngħix ħajti," hu qal.

"Hemm ħafna aktar nies li qegħdin f'sitwazzjoni agħar minn tiegħi. Hemm tfal li la għandhom x'jieklu lanqas ħwejjeġ x'jilbsu u huma wkoll neqsin mid-dawl u ma jistgħux jitkellmu, bumm, dan kollu f'daqqa. Imqabbel ma' dawn in-nies inħossni xxurtjat." L-iktar parti li tagħtik ispirazzjoni f'dan kollu hija l-mod kif jiddeskrivi l-kundizzjoni tiegħu.

"Ma narax kollox iswed bħalma jaħsbu l-maġġoranza tan-nies. Bl-immaġinazzjoni tiegħi noħloq stampa ta' x'hemm madwari. M'għandi l-ebda limitu. Jekk xi ħadd jgħidli li din il-kamra hija ta' kulur partikolari jien nista' nimmaġinaha kull kulur li rrid jien. Jien insejħilha kreattività mentali," hu jgħid. Samuel żied jgħid li kien akkanit tal-bini tal-mudelli u issa kellu jiżviluppa talenti ġodda.

"Ingħalaq bieb iżda nfetħu mija oħra" żied jgħid Samuel.

Adattat minn: https://lovinmalta.com/news/

a) Tikkunsidra lil Samuel bħala persuna kuntenta? Għid għaliex. Wieġeb f'madwar 20 kelma. (5)

b) Agħti eżempju **WIEĦED** li juri kif l-attitudni pożittiva tista' tagħmlek kuntent minkejja sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja. Wieġeb f'madwar 20 kelma. (5)

ċ) Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' għażliet tal-ħajja li għamilt b'mod responsabbli, u semmi kif dawn l-għażliet ikkontribwixxew għall-kuntentizza tiegħek. Wieġeb f'madwar 80 kelma. (10)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

Mistoqsija 2 Studju tal-każ: L-Istorja ta' Lauren: Intimidazzjoni Ċibernetika *(Cyberbullying)*



"Kont ħabiba ma' tfajla bl-isem ta' Susan. Kellna xi ngħidu bl-ikrah u waqqafna l- ħbiberija tagħna. Meta l-għada mort l-iskola, bdejt ninnota li n-nies bdew jevitawni u ħadd mill-grupp tal-ħbieb tiegħi ma ried ikellimni. Litteralment kulħadd jinjorani.
Bdejt ninnota li xi nies fl-iskola bdew jippuntaw subgħajhom lejja anke jfesfsu fil-widnejn u jidħku bejniethom. Meta wasalt lura d-dar sibt ħafna e-mails ġodda rigward il-ħajja privata tiegħi u tkellmu fuq affarijiet li mhux suppost jafu, xi ftit minnhom anke min-nies li ma kontx naf.
Imbagħad bdejt nirċievi ħafna messaġġi jgħidu, 'Jien noboghdok' jew 'Mhux aħjar tmut?' F'dan il-punt imbagħad kelli nsejjaħ 'il-puluzija. Bdew jintraċċaw in-numri mill-messaġġi ta' theddid li kelli, marru għand dawk li bagħtu l-messaġġi u eventwalment skoprew li allegatament jiena stess kont bgħatt messaġġ lill-ħbieb tiegħi. Messaġġ mimli sigrieti dwar ħajti. Gidba.
Susan kienet użat il-username u l-*password* tiegħi biex tilloggja. Tistgħu tobsru x'jiġri meta d-dettalji tiegħek jiġu f'idejn min jixtieqlek id-deni."

Adattat minn: http://permod.lamp2.cloudsites.net.au/

a) Iddeskrivi x'inhi intimidazzjoni ċibernetika billi tagħti żewġ eżempji. Iddiskuti f'madwar 20 kelma. (5)

b) X'lezzjoni tgħallmet Lauren mill-esperjenza tagħha ta' intimidazzjoni ċibernetika? Iddiskuti f'madwar 20 kelma. (5)

ċ) "Ħafna nies qatt ma rrealizzaw li l-Internet huwa fil-fatt post pubbliku ieħor". Xi tfisser din id-dikjarazzjoni? Kif għandna nġibu ruħna onlajn? Iddiskuti f'madwar 80 kelma. (10)

**TAQSIMA B**
**Wieġeb ŻEWĠ mistoqsijiet tal-għażla tiegħek.**
**Ikteb komponiment ta' madwar 250 kelma għal KULL mistoqsija.**
**Kull mistoqsija ġġorr magħha 30 marka.**

1

a) Il-gruppi reliġjużi spiss jitqiesu bħala komunitajiet magħluqa. X'nifhmu bit-terminu 'komunità magħluqa'? (10)

b) Agħti eżempju ta' "komunità miftuħa". Uri kif komunità miftuħa hija differenti minn "komunità magħluqa". (10)

c) Il-komunitajiet miftuħa huma kkunsidrati bħala aktar tolleranti għad-differenzi. Spjega għaliex dan hu hekk. (10)

2

a) Agħti tliet eżempji biex tispjega dak li taf fuq it-terminu awtokura. (10)
b) Biex tkun tista' tieħu ħsieb lilek innifsek u lil ħaddieħor għandu jkollok stima personali pożittiva. Spjega għaliex dan huwa l-każ. (10)
c) Spjega għaliex għandna l-obbligu morali li nieħdu ħsieb lil ħaddieħor. (10)

3

a) Minħabba li l-popolazzjoni tad-dinja dejjem qed tikber, jidher li dalwaqt se nispiċċaw mir-riżorsi meħtieġa għal ħafna nies. Għandna dmir morali li nillimitaw l-użu tagħna tar-riżorsi għall-ġenerazzjonijiet futuri? Spjega għaliex. (10)
b) Spjega kif tista' tillimita r-riżorsi li tuża fil-ħajja tiegħek ta' kuljum. (10)
c) Għandna obbligu morali lejn il-ġenerazzjonijiet futuri? Spjega t-tweġiba tiegħek. (10)

4

a) X'inhuma l-argumenti favur il-piena kapitali? (10)
b) X'inhuma l-argumenti kontra l-piena kapitali? (10)
c) X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-piena kapitali? Agħti r-raġunijiet għat-tweġiba tiegħek. (10)